REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/1956

tas-26 ta' Ottubru 2017

li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet ta' oriġini protetti u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti (Saucisson d'Ardenne/Collier d'Ardenne/Pipe d'Ardenne (IĠP))

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel ([1]), u b'mod partikulari l-Artikolu 52(2) tiegħu,

Billi:

(1) L-applikazzjoni tal-Belġju biex id-denominazzjoni "Saucisson d'Ardenne"/"Collier d'Ardenne"/"Pipe d'Ardenne" (IĠP) tiddaħħal fir-reġistru ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([2]) skont l-Artikolu 50(2)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012.

(2) Il-Kummissjoni rċeviet żewġ avviżi ta' oppożizzjoni, wieħed fis-17 ta' Awwissu 2015 mingħand il-kumpanija "Zurich Foodstuff Trading LLC", li hija bbażata fl-Emirati Għarab Magħquda, u wieħed fl-14 ta' Settembru 2015 mingħand il-kumpanija "Rezos Brands SA", li hija bbażata l-Greċja.

(3) Il-Kummissjoni bagħtet l-avviż ta' oppożizzjoni li rċeviet mingħand il-kumpanija "Zurich Foodstuff Trading LLC" lill-Belġju. Iżda hija ma bagħtitx l-avviż ta' oppożizzjoni li rċeviet mingħand il-kumpanija "Rezos Brands SA" lill-Belġju minħabba li, skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 51(1) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, il-persuni fiżiċi jew ġuridiċi li jkollhom interess leġittimu, li jkunu stabbiliti jew residenti fi Stat Membru ieħor għajr dak minn fejn tkun saret l-applikazzjoni, jistgħu jippreżentaw avviż ta' oppożizzjoni lill-Istat Membru li fih ikunu stabbiliti. Għalhekk, il-kumpanija "Rezos Brands SA" ma setgħetx tibgħat avviż ta' oppożizzjoni direttament lill-Kummissjoni. Barra minn hekk, il-Kummissjoni rċeviet dak l-avviż ta' oppożizzjoni wara li għaddiet id-data ta' skadenza biex jintbagħtu t-tali avviżi ta' oppożizzjoni skont l-Artikolu 51(1) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012.

(4) Fis-17 ta' Ottubru 2015, il-Kummissjoni rċeviet dikjarazzjoni motivata ta' oppożizzjoni mingħand il-kumpanija "Zurich Foodstuff Trading LLC".

(5) Skont kif ġie deskritt fid-dikjarazzjoni motivata ta' oppożizzjoni, l-interess ta' din il-kumpanija ma kienx wieħed reali u dirett iżda wieħed indirett u ipotetiku. Għalhekk il-kumpanija "Zurich Foodstuff Trading LLC" ma kellhiex interess leġittimu fil-kwistjoni u l-proċedura ta' oppożizzjoni ma tkomplietx. Għaldastant, l-oppożizzjoni li ressqet din il-kumpanija qed titqies li mhijiex ammissibbli.

(6) Permezz ta' ittra tas-16 ta' Lulju 2014, l-awtoritajiet Belġjani bagħtu talba lill-Kummissjoni mingħand il-kumpanija "TerBeke-Pluma", li hija stabbilita 'l barra miż-żona ġeografika ddefinita għall-IĠP "Saucisson d'Ardenne"/"Collier d'Ardenne"/"Pipe d'Ardenne" u li kienet bagħtet dikjarazzjoni ammissibbli ta' oppożizzjoni skont l-Artikolu 49(3) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, biex din tingħata perjodu tranżitorju skont l-Artikolu 15(1) tal-istess Regolament li matulu tkun tista' tkompli tuża d-denominazzjoni "Saucisson d'Ardenne"/"Collier d'Ardenne"/"Pipe d'Ardenne". Permezz ta' ittri tal-1 ta' April 2015, tat-3 ta' Novembru 2016 u tat-3 ta' April 2017, l-awtoritajiet Belġjani bagħtu lill-Kummissjoni t-tagħrif u l-kjarifiki li din kellha bżonn biex tkun taf il-fatti kollha qabel ma tieħu deċiżjoni b'rabta mal-perjodu tranżitorju msemmi hawn fuq.

(7) Skont l-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, mit-8 ta' Mejju 2014, jiġifieri mid-data li fiha l-Kummissjoni rċeviet l-applikazzjoni biex id-denominazzjoni "Saucisson d'Ardenne"/"Collier d'Ardenne"/"Pipe d'Ardenne" tiddaħħal fir-reġistru, din id-denominazzjoni ngħatat protezzjoni fil-livell nazzjonali fuq bażi tranżizzjonali. F'dak il-kuntest, il-kumpanija "TerBeke-Pluma" ingħatat perjodu ta' adattament ta' massimu ta' disa' xhur fil-livell nazzjonali li matulu setgħet tkompli tuża d-denominazzjonijiet protetti għall-prodotti li ma kinux jikkonformaw mal-ispeċifikazzjoni korrispondenti. Dak il-perjodu ta' adattament beda fit-8 ta' Mejju 2014 u spiċċa disa' xhur wara.

(8) Minħabba li l-kumpanija "TerBeke-Pluma" ilha mit-8 ta' Frar 2015 ma tistax tikkummerċjalizza l-prodotti tagħha bid-denominazzjonijiet "Saucisson d'Ardenne"/"Collier d'Ardenne"/"Pipe d'Ardenne", m'hemm l-ebda ġustifikazzjoni biex din tingħata perjodu tranżitorju skont l-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012. Il-fatt li jitħallew jintużaw denominazzjonijiet imdaħħlin fir-reġistru għal prodotti mmanifatturati 'l barra miż-żona ġeografika ddefinita ma jippermettix li jkun hemm "tranżizzjoni" iżda jwassal, b'mod mhux xieraq, biex terġa' tinħoloq sitwazzjoni li ilha mit-8 ta' Frar 2015 titqies bħala sitwazzjoni illegali.

([1]) ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1.
([2]) ĠU C 182, 3.6.2015, p. 7.

(9) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, jenħtieġ li d-denominazzjoni "Saucisson d'Ardenne"/"Collier d'Ardenne"/"Pipe d'Ardenne" tiddaħħal fir-reġistru tad-denominazzjonijiet ta' oriġini protetti u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Id-denominazzjoni "Saucisson d'Ardenne"/"Collier d'Ardenne"/"Pipe d'Ardenne" (IĠP) hija rreġistrata.

Id-denominazzjoni msemmija fl-ewwel paragrafu tirreferi għal prodott tal-Klassi 1.2. Prodotti tal-laħam (imsajra, immellħa, affumikati, eċċ.), stabbilita fl-Anness XI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 668/2014 ([1]).

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Ottubru 2017.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

([1]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 668/2014 tat-13 ta' Ġunju 2014 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel (ĠU L 179, 19.6.2014, p. 36).